# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

Appell numru 316 tal-2017

**Illum 30 ta' Jannar, 2020**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Clifford GARRETT**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-10 ta' Lulju, 2017 fil-konfront ta' Clifford GARRETT, karta tal-identità bin-numru 219189 M, in segwitu għal nota tal-*Probation Officer* Mary Anne Zammit preżentata ai termini tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li waqt li GARRETT kien taħt ordni ta' *probation* huwa naqas milli joqgħod għall-ħtiġijiet tal-ordni mogħti lilu u naqas milli jieħu l-kura meħtieġa minħabba l-vizzju tad-droga.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-istess nota qieset li :

   (a) L-appellant ma kienx qiegħed imur għall-appuntamenti mal-*Probation Officer* u kien baqgħa jabbuża mid-droga;
   (b) Wara li saret id-denunzja il-Qorti tal-Maġistrati spjegatlu l-importanza li huwa jimxi kelma b'kelma mal-ordni tal-*Probation* u mad-direttivi li ttih il-*Probation Officer*, iżda huwa xorta waħda, minkejja t-twissija li tagħtu l-Qorti la ndirizza l-problema tad-droga u l-anqas beda jimxi mal-ordnijiet tal-*Probation Officer*;
   (c) Għalkemm lil dik il-Qorti GARRETT kien wegħda li kien sejjer jibda programm ta' rijabilitazzjoni, wara ftit żmien biddel fehmtu u din l-attitudni baqgħet tippersisti, differiment wara differiment;
   (d) Li dik kienet ir-raba' ordni ta' *probation* li kien ingħata GARRETT sa dak il-punt. Dan kien juri li kien ingħata diversi opportunitajiet mill-Qrati, iżda GARRETT ma għarafx jitgħallem mill-iżbalji tiegħu; anżi għażel li jkompli għaddej fl-iżball.

3. Kien għalhekk li dik il-Qorti tal-Maġistrati sabet lil Clifford GARRETT ħati li ma qagħadx mal-ordni tal-*probation* u għalhekk għażlet li titratta miegħu għar-reati li tagħhom kien instab ħati permezz tas-sentenza tas-16 ta' Marzu 2015 u kkundannatu għall-perjodu ta' sentejn priġunerija.

4. Minn din is-sentenza Clifford GARRETT appella permezz ta' rikors datat 14 ta' Lulju 2017 fejn huwa saħaq li għalkemm kien minnu li huwa ma kienx qagħad għal kollox mal-ordnijiet tal-

*Probation Officer* kien hemm ġranet u perjodi fejn għamel tentattiv biex joħroġ mill-problema tad-droga li kellu iżda din il-problema ħakmitu serjament. Għalkemm huwa xtaq li jibda programm għar-rijabilitazzjoni, kien qiegħed isibha diffiċli li jagħmel dan. Huwa saħaq li piena karċerarja ma kienetx ser tgħinu – anzi kienet ser tirrendilu l-problema aktar akuta. B'hekk talab lil din il-Qorti tbiddel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tiddikjara li ma kellhiex tiġi fis-seħħ is-sentenza tas-16 ta' Marzu 2016 (*sic!* 2015) u minflok tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta fil-konfront tiegħu.

5. Illi matul il-kors ta' dan l-appell, il-Qorti semgħet lill-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Anne Zammit li spjegat li matul iż-żmien l-appellant kien beda jirreġistra progress f'ħajtu. Issa li kien qiegħed fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin kien qed ikollu testijiet tal-urina li jindikaw li kienu negattivi. Huwa kien qiegħed jaħdem fil-Kċina tal-Faċilita, fejn dan huwa post li huwa ta' ċertu responsabbilta.

6. Il-Qorti semgħet ukoll lill-Uffiċjal tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin Helenio Galea fejn ikkonferma li l-appellant kien qiegħed ikollu riżultati tal-urina negattivi kif ukoll li huwa kien qiegħed jaħdem fil-kċina tal-Faċilita Korettiva ta' Kordin. Dan kien qiegħed ikollu imġieba eżemplari.

***Ikkunsidrat :-***

7. Illi qabel xejn din il-Qorti tagħmilha ċara li r-rwol tagħha f'dan il-każ huwa wieħed ta' reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati

(Malta). Hija trid tara jekk dik il-Qorti setgħetx legalment u raġonevolment tasal għad-deċiżjoni tagħha in bażi għall-provi li jkollha preżentati u l-argumenti legali dibattuti quddiemha. Din il-Qorti ma tbiddilx dik id-deċiżjoni jekk jirriżulta li dik id-deċiżjoni kienet ittieħdet sewwa, b'rispett lejn il-provi u l-Liġi. Din il-Qorti tbiddel dik is-sentenza fil-każ li dik is-sentenza tkun żbaljata fl-interpretazzjoni tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-Liġi. Jekk ma jkunx hemm tali żbalji, din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddel dik id-deċiżjoni għal xejn b'xejn.

8. Il-Qorti tal-Maġistrati hija dik il-Qorti li bis-saħħa tal-Liġi għandha d-dmir u s-setgħa li tisma' l-provi u l-argumenti li jinġiebu quddiemha u imbagħad tkun hi li tiddeċiedi jekk l-imputat ikunx ħati jew le; u f'każ ta' ħtija tara x'piena għandu jingħata. Imbagħad jekk l-imputat jappella minn dik is-sentenza, din il-Qorti tara jekk dik il-Qorti setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik is-sejbien ta' ħtija u s-sentenza mogħtija minnha.[1] Din il-Qorti ma

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi

tiddeċidix hi l-każ mill-ġdid jew taqbad u tbiddel il-piena mogħtija għax ma tkunx togħġobha jew għax ikun jidhrilha li kienet tkun differenti jew aktar minn dik li kienet kienet timponi hi stess.

9. Fl-appell kriminali superjuri fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****,* deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, ġie deċiż li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ewwel Istanza sempliċiment għaliex dik is-sentenza kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena.

10. Biex l-appell mill-piena jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-għoti ta' dik il-piena.

---

migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

11. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

***Ikkunsidrat : -***

12. F'dan il-każ jirriżulta li l-appellant kien ammetta l-ħtijiet tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward tar-reati ta' serq pluri-kwalifikat li tagħhom kien ingħata l-ordni tal-*probation*. Wara li

ingħata dik l-ordni, minħabba li kienet saret id-denunzja mill-*Probation Officer*, il-Qorti tal-Maġistrati trattat miegħu għar-reati li dwarhom kien ingħata dik l-ordni tal-*probation* u dan minħabba li huwa kien kiser dik l-ordni tal-*probation*.

13. Din il-Qorti rat li ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li għalkemm GARRETT kien ingħata, għal darb'oħra, ordni ta' *probation*, huwa m'għarafx jieħu dawk l-opportunitajiet bis-serjata u jibdel ħajtu, kif xtaquh jagħmel il-Qorti u l-*Probation Officer*. Din il-Qorti tifhem li l-appellant kien maħkum mill-vizzju tal-abbuż tad-droga u meta bniedem ikun maħkum minn dan il-vizzju jkun veru diffiċli għalih li jżomm lura. Iżda mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora li l-appellant kien ingħata diversi ċansijiet biex jieqaf mid-droga u jieqaf jikser il-Liġi.

14. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati, saħqet mhux biss li kienet tagħtu *probation*, iżda anke wara li kienet saret id-denunzja, dik il-Qorti, b'mod responsabbli u sensittiv għaċ-ċirkustanzi tal-appellant, kompliet tagħti ċans wara ieħor biex l-appellant jipprova jsib l-għajnuna li kienet qegħda tiġi offruta lilu. Dan jixhduh id-diversi differimenti li l-Qorti tal-Maġistrati kienet tagħat f'dan il-każ. Biss, b'xorti ħażina, l-appellant ma rnexxielux li iġib dak il-kuraġġ u s-saħħa interna meħtieġa biex jidħol programm.

15. Il-vizzju tad-droga jidher li rikbu. Issa daqskemm dik il-Qorti riedet tagħti ċans lil appellant biex jipprova joħroġ mill-vizzju tad-droga, mill-banda l-oħra dik il-Qorti ma setgħatx tqis li għax kien vitma

tal-vizzju tad-droga, allura ma kellux jiġix ritenut responsabbli t'egħmilu jew li ma jkollux jaffronta l-konsegwenzi tal-egħmil kriminali tiegħu bħal ma jkollu jagħmel kull min ma jkunx vitma tad-droga u jkun kiser il-Liġi kriminali.

16. Il-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ, wara li għarblet il-provi li ġew preżentati lilha fuq id-denunzja tal-Uffiċjal tal-*Probation*, kienet sensittiva ħafna mal-appellant u tagħtu ċans wara l-ieħor biex jipprova jgħin lilu nnifsu. Iżda meta dik il-Qorti rat li dawn iċ-ċansijiet ma swew għalxejn, imbagħad kienet kostretta li tieħu d-deċiżjoni iebsa u li ma setgħetx taħrab minnha, ċjoe dik li żżomm lill-appellant responsabbli tal-egħmil tiegħu. U ġaladarba ma qagħadx mal-ordni tal-*probation*, u maċ-ċansijiet li ingħata wara, allura issa huwa kellu jaffaċċja l-konsegwenzi. B'hekk din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment, raġonevolment u serenament tasal għall-konklużjoni li ssib lill-appellant ħati talli kiser l-ordni tal-probation mogħtija lilu minnha preċedentement.

***Ikkunsidrat : -***

17. Illi l-piena mogħtija minn dik il-Qorti kienet sostanzjalment korretta. Ladarba l-appellant kien kiser l-ordni tal-*probation* u baqgħa jippersisti f'dan il-ksur anke quddiemha stess, dik il-Qorti ma kellhiex alternattiva għajr ħlief li timponi piena ta' priġunerija effettiva. Il-ksur tal-ordni tal-*probation* f'dan il-każ ma kienx xi wieħed żgħir u li setgħa jiġi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-ammenda, u dan minħabba li kien ksur ripetut, serju u saħansitra

ppersista anke matul il-proċeduri quddiem dik il-Qorti. L-appellant kien ammetta l-imputazzjonijiet, fosthom li kien reċidiv fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk is-sentenza ta' priġunerija ma setgħetx tkun waħda sospiża.

18. Dik il-Qorti imponiet il-piena ta' sentejn priġunerija wara li l-appellant ammetta għal żewġ imputazzjonijiet ta' serq kwalifikat bil-mezz u bi kwalifiki oħra miegħu, li skont l-artikolu 278(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, jimponi pieni li ma jkunux mogħtija fil-minimum tagħhom skont l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk jingħata l-benefiċċju tal-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali, il-*minimum* assolut huwa dak ta' sbatax il-xahar priġunerija, mingħajr ma tittieħed kont tar-reċidiva ammessa. Iżda ladarba l-appellant ammetta wkoll għar-reċidiva taħt l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet iżżid il-piena bi grad għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali u minn grad sa tliet gradi taħt l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali. Il-piena ta' sentejn priġunerija tekwivali għal piena mogħtija fil-*minimum* assolut tagħha miżjuda b'żewġ gradi.[2]

19. Dik il-Qorti għalhekk setgħet legalment u raġonevolment tagħti dik il-piena u b'hekk dik il-piena la hija żbaljata fil-prinċipju u l-anqas eċċessiva. Tibqa' l-kwisjoni jekk, skont l-appell kriminali ***Butler*** kienx hemm xi ċirkostanzi sussegwenti għas-sentenza tal-Qorti tal-

[2] Għalkemm mis-sentenza appellata ma tirriżultax il-komputazzjoni tal-piena intrapriża mill-Qorti tal-Maġistrati, din il-Qorti waslet għal dik il-piena ta' sentejn priġunerija billi applikat l-aktar interpretazzjoni favorevoli tal-artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali, u stante li l-eqreb skala fil-minimum tal-pieni (għal dik ta' sbatax il-xahar) hija dik ta' tlettax il-xahar priġunerija, meta din tiġi miżjuda b'żewġ gradi twassal għall-piena ta' sentejn priġunerija.

Maġistrati li b'xi mod setgħu jinċidu b'mod partikolari fuq il-piena. Il-provi imresqin quddiem din il-Qorti bix-xiehda tal-*Probation Officer* u tal-Uffiċjal tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin juru li **wara** s-sentenza appellata l-appellant beda jirreġistra progress f'ħajtu. Dan waħdu mhux suffiċjenti li jintitolah għal riduzzjoni fil-piena, biss huwa fattur li l-Qorti trid iżżomm kont tiegħu. L-Uffiċjal tal-Faċilita Korrettiva stqarr li l-appellant kien qed iġib ruħu b'mod eżemplari. Jidher li l-appellant kien qiegħed jaħdem fuq l-aspett rijabilitattiv u qiegħed jagħmel sforz biex jirriforma ruħu u jaħdem fil-Kċina tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Dan jawgura tajjeb biex meta jasal il-waqt li jiskonta l-piena karċerarja huwa jkollu l-possibilta li jerġa jibni ħajtu mill-ġdid. Dan huwa aspett li għandu jiġi inkoraġġit għax huwa ta' ġid għal kulħadd in kwantu s-soċjeta ma jaqblilhiex li jkollha elementi fostha li jkomplu jippersistu fil-kriminalita u istituzjonalizzazzjoni. Għal dawn ir-raġunijiet, hemm lok li jkun hemm temperament moderat li jirrifletti aktar il-bilanċ bejn iċ-ċirkostanzi riżultanti tal-appellant u l-iskop u l-effetti tal-piena kif spjegati aktar il-fuq.

20. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti sejra tvarja bi ftit id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati relattiva għar-reċidiva ammess fis-sens li minflok iżżid il-piena b'żewġ gradi hija sejra tqis lill-appellant bħala reċidiv b'żieda fil-piena bi grad wieħed minflok.

## *Deċide*

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell ta' Clifford GARRETT in parte billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, tibdel dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu għall-piena ta' sentejn priġunerija u minflok tikkundannah għall-piena ta' tmintax il-xahar priġunerija u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***